

**S4.2.2**

Ikollna esperjenza ta' leġġenda Maltija.

## A. X'inhi leġġenda?

Leġġendi jistgħu jkunu veri, jista' jkollhom nofs verità jew ġie li jkunu għal kollox ivvintati. Il-leġġendi llum saru jiffurmaw parti mill-kultura tagħna.

Kull leġġenda għandna dejjem naqsmuha fi tnejn:

- il-verità illi l-leġġenda hija mibnija dwarha
- il-leġġenda proprja

Ejja nieħdu eżempju b'żewġ leġġendi marbuta mal-knisja tal-Ħerba ġewwa Birkirkara.

## IL-LEĠĠENDA TAL-FEJQAN F'TAL-ĦERBA

**Il-Verità**: Birkirkara veru hemm knisja magħrufa bħala Tal-Ħerba. Din li qed naraw fl-istampa hija dik li hemm issa, imma dik mhix il-knisja li kien hemm darba. Tal-Ħerba kienet knisja ċkejkna antika illi fl-1673 ġiet miżjuda bil-biċċa li qed naraw fir-ritratt. L-antika żammewha bħala sagristija u ż-żieda ġiet iddedikata lin-Nativitá tal-Madonna. Il-faċċata u l-kampnar inbnew fl-1797.



## L-Ewwel Leġġenda: FEJQAN F'TAL-ĦERBA

Raġel kien jimxi bil-krozzi. Darba sema' l-qanpiena ddoqq, daħal, dam ħafna jitlob bil-ħerqa u f'daqqa waħda ħassu mfejjaq. Qam fuq saqajh jgħajjat: "Miraklu! Miraklu!"

## It-Tieni Leġġenda: IL-QANPIENA LI DAQQET WAĦEDHA



Bil-lejl daħal raġel jipprova jisraq xi ġojjelli. Kif mess il-ġojjelli tal-istatwa tal-Madonna, idu bbieset u baqa' mwaħħal mal-post. Dak il-ħin, ħaġa tal-iskantament bdiet iddoqq il-qanpiena, ġew in-nies u l-ħalliel inqabad fil-fatt.

## B. Taħriġ fil-KITBA KREATTIVA

Oħloq il-leġġenda tiegħek billi taħdem fuq waħda mit-temi li ġejjin. Tinsiex illi l-leġġenda, għalkemm hija storja għal kollox ivvintata, għandha l-għeruq tagħha fl-istorja. Kull leġġenda m'għandhiex tkun itwal minn 100 kelma.

1. **PIETRU U L-ĦALLELIN TAL-IMDINA**



Pietru tifel ta' disa' snin, is-sena l-oħra kien għaddej għall-affari tiegħu fil-belt il-qadima tal-Imdina. Qabżu fuqu tliet irġiel ħallelin illi sawtuh. Imma jidhirlu kavallier fuq iż-żiemel u jsalvah.

2. **MARIJA U S-SORU TAĊ-ĊITTADELLA**



Marija, tifla Għawdxija ta' disa' snin, is-sena l-oħra marret passiġġata fuq is-swar taċ-Ċittadella. Tilmaħ soru żagħżugħa li qadet tirrakkuntalha kif hi kienet ittieħdet skjava mit-Torok u mietet fil-jasar.

3. **TONINU U L-ISKJAV TORK**



Toninu, tifel ta' disa' snin mill-Birgu, jirrakkonta kif sikwit imur jippassiġġa n-naħat tal-Kastell Sant' Anġlu, u jilmaħ raġel ta' xi 40 sena, liebes ilbies ta' skjav. Ir-raġel jirrakkonta lil Toninu ħafna affarijiet dwar ħajtu u jgħidlu wkoll li hu kien jgħix fi żmien l-Assedju l-Kbir (1565).

Numru ____.

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________